**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 12.10.08: It-28 Ħadd matul is-sena.**
Il-Ġabra li ssir illum fil-knisja waqt il-quddies tkun għar-restawri.

## GIMGHA TAL-PARROCCA

**IT-TNEJN, 13.10.08: Fit-8.30a.m.** se ssir **LAQGĦA TA' TALB għan-NISA** kollha. Din tkun fil-Knisja.
Illum hija it-Tifkira tad-Dehra tal-Madonna ġewwa Fatima
**Fis-7.00p.m.** quddiesa bl-omelija dwar id-dehriet tal-Madonna, li tkun intenzjoni ta' Salvu Mercieca.
**IT-TLIETA, 14.10.08:** Fis-**7.30p.m**. se ssir **LAQGĦA GĦALL-ĠENITURI** li uliedhom din is-sena se jirċievu s-Sagramenti tal-Ewwel Tqrabina u l-Griżma. F'din il-laqgħa timtela d-dikjarazzjoni mill-ġenituri.
Il-Post ikun fid-Dar Parrokkjali.
**L-ERBGĦA, 15.10.08:** Fis-**7.30p.m.** se jsir ir-Rużarju fil-beraħ fiz-zona ta' Saguna, bejn Triq it-Tin u Triq l-Ikbiex.
**IL-ĦAMIS, 16.10.08:** Illum isir it-Tqarbin tal-Morda
Żjara mill-Arċipriet fl-Iskola Primarja.
Fis-7.00p.m. quddiesa u tkompli l-**ADORAZZJONI** li tkun immexxi mis-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesu' li se jiġu apposta minn Malta.
**IL-ĠIMGĦA, 17.10.08: Fis-7.00p.m.** ssir l-laqgħa ta' formazzjoni għal dawk li applikaw biex ikunu Missjunarji fil-Missjoni Djoċesana. Din se tkun f'Ta Pinu u tkun miftuħa għal kulħadd.
**Fis-7.30p.m**. **LAQGĦA TA' TALB GĦALL-IRĠIEL** kollha quddiem Ġesu Ewkaristija. Din tkun fil-knisja.
Nistiednu lill-irġiel kollha biex jattendu.

**Fis-7.30p.m.** Se jibdew il-provi tal-Kant għall-Kor taż-Żgħar. Se jkunu fid-Dar Parrokkjali
**IS-SIBT, 18.10.08:** Festa ta' San Luqa Ebżvanġelista.
LEJLIET IL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA.
**Fil-10.30a.m**. quddiesa għat-Tfal kollha
**Fis-6.30p.m.** Għasar Kantat u **Fis-7.00p.m.** Quddiesa
**IL-ĦADD, 19.10.08: SOLENNITA' TA' JUM IL-KONSAGRAZZJONI TAL-KNISJA.**
Illum hija wkoll IL-**ĠURNATA MISSJUNARJA**.
Il-ġbir li jsir llum fil-knisja u fit-toroq ikun għall-Missjoni.
Fit-3.30p.m. Għasar Kantat tal-Konsagrazzjoni
**Fil-4.00p.m**. quddiesa li fiha jsir t-talb bis-Salmi.

## MIGJA TA' L-ID TA' SAN PAWL FOSTNA

Fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina u tal-Missjoni Djoċesana, se tinġieb f'Għawdex r-Relikwa ta' l-Id ta' San Pawl u li ddur il-parroċċi kollha ta' Għawdex. Se ddum fil-parroċċa ġurnata biss.
Din se tkun fil-parroċċa tagħna is-Sibt 11 ta' Ottubru fil-għaxija sal-Ħadd 12 ta' Ottubru fil-għaxija.

### KORS GĦALL-GĦARAJJES

Il-Moviment ta' Kana javża li se jibdew korsijiet ta' tħejjija għaż-żwieġ il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Hadd 17,18,19 ta' Ottubru. Dawk interessati huma mitluba biex imorru jinkitbu fiċ-Ċentru ta' Kana u jagħżlu l-ġurnata li fiha jixtieqdu jattendu.

### Envelope tal-Missjoni

Ma dan il-Bullettin qed jitqassam l-envelope biex fih tingħata offerta għall-Missjoni. Dan l-envelope għandu jinġabar is-Sibt fil-għaxija u l-Ħadd fil-għodu miz-Żelaturi tal-Missjoni tal-parroċċa tagħna.

**IR-RUŻARJU**
" Ir-Rużarju huwa l-iktar talba għal qalbi, għax hija talba sempliċi u fl-istess ħin talba profonda" (Il-Papa Gwanni Pawlu II)

**HIGH TEA nhar il-Ħamis 23 ta' Ottubru fis-7.30p.m.**